**Firma tar-Reġistratur**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Piż | Hgb Barcode *Test 1* | Hgb *Riżultat 1* | CBC Barcode *Test 1* | CBC *Riżultat 1* | Ħin tal-bidu<br>Tul ta' ħin |
| Tul | Hgb Barcode *Test 2* | Hgb *Riżultat 2* | CBC Barcode *Test 2* | CBC *Riżultat 2* | Magna<br>Piż (tal-Borża) |
| Temperatura | Hgb Barcode *Test 3* | Hgb *Riżultat 3* | **Firma tal-Uffiċjal ta' Qabel id-Donazzjoni** | | **Firma tan-*Nurse*** |

**Dikjarazzjoni tad-Donatur:**

- Illum niddikjara li fhimt u mlejt dan il-kwestjonarju. Sa fejn naf jien, l-informazzjoni kollha li tajt hija vera u eżatta. Nagħti permess lill-NBTS biex jevalwa kwalunkwe dettal dwari li jista' jżommni milli nagħti d-demm. Nifhem li NBTS jista' jieħu passi **legali** kontra tiegħi jekk jinstab illi konxjentament tajt informazzjoni żbaljata li tista' taffettwa l-eligibilità tiegħi li nagħti d-demm.
- Jiena nafda lill-NBTS biex juża d-donazzjoni tiegħi għall-benefiċċju tal-pazjenti, li jista' jinkludi **riċerka**.
- Nagħti permess biex isiru t-**testijiet** meħtieġa, inkluż dak tal-HIV, fuq id-demm li se nagħti minn jeddi. Ġejt infurmat/a li kampjun żgħir tad-demm se jiġi maħżun. Sa fejn naf jien, m'inix f'riskju ta' nfezzjonijiet u lanqas li nittrażmetti mard infettiv, u jien konxju/a li NBTS jista' **jinnotifika** lis-Saħħa Pubblika jekk jiġi identifikat xi mard infettiv.
- Naqbel li ġejt **infurmat biżżejjed** fuq il-proċedura u r-riskji tal-għoti tad-demm u li kelli l-opportunità li nistaqsi u ningħata tweġibiet xierqa għall-mistoqsijiet kollha li staqsejt. Nagħti permess ukoll li tingħatali kull attenzjoni medika meħtieġa jekk jinqala' l-bżonn.
- Ġejt mogħti/ja struzzjonijiet ta' x'għandi u x'm'għandix nagħmel wara li nagħti d-demm; dawn l-istruzzjonijiet ġew spjegati lili u jekk inżomm lura milli nagħti kashom, ir-responsabbiltà tar-riskju hija kollha tiegħi.
- Naċċetta wkoll li ismi jista' jiġi inkluż f'**lista kunfidenzjali** ta' nies li, għal xi raġuni jew oħra, ma jistgħux jagħtu demm.
- Jekk **inkun ma niflaħx** sa ġimgħa wara li nagħti d-demm, inċempel **immedjatament** lill-istaff tal-NBTS, għaliex dan jista' jkollu konsegwenzi fuq il-pazjenti li jirċievu d-demm tiegħi.

Taċċetta messaġġi fuq il-mobajl mingħand NBTS?
Iva ☐ Le ☐

Taċċetta *emails* mingħand NBTS?
Iva ☐ Le ☐

**450ml**

**Talba Speċjali**

Agħmel ċirku fejn japplika

**Eliġibbli** ☐

**Mhux Eliġibbli** ☐

**FIRMA TAD-DONATUR** ______________________________ **FIRMA TAL-UFFIĊJAL TAL-NBTS** ______________________________

Id-dettalji personali pprovduti f'din il-formola ħa jiġu pproċessati skont il-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data(GDPR) EU 2016/679, l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (KAP 586) u liġijiet oħra li s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm (NBTS) hu suġġett għalihom biex jiġbor u jipproċessa komponenti tad-demm. Id-dettalji personali mhux ser jiġu mgħoddija lil terzi persuni sakem mhux mitluba bil-liġi. Dettalji personali li pprovdejt f'din l-applikazzjoni mhux ser tinżamm għal iżjed minn minimu ta' 15-il sena. Għal aktar informazzjoni rigward il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tiegħek jekk jogħġbok aċċessa l-Polza tal-Protezzjoni tad-Data hekk kif tirreġistra jew mill-websajt https://blood.gov.mt.

**Jekk jogħġbok aqra sewwa dan il-kwestjonarju. Dan għandu jimtela mal-professjonist fil-kura tas-saħħa waqt l-intervista dwar is-saħħa tad-donatur.**
**Meta se twieġeb dawn il-mistoqsijiet, l-ONESTÀ SĦIĦA tiegħek hija essenzjali, kemm għas-sigurtà tiegħek kif ukoll għal dik tal-pazjenti li se jirċievu d-demm tiegħek. Id-demm li se tagħti se jkun eżaminat għall-grupp tad-demm u mard infettiv (li jinkludu HIV, Epatite B, Epatite C, Epatite E, CMV, West Nile Virus u Syphilis). Importanti tkun taf li għalkemm isiru t-testijiet fuq id-demm, nistgħu ma nindunawx li d-demm ikun infettat. Qatt tagħti demm bl-intenzjoni li tagħmel it-testijiet; jekk tagħmel hekk tkun qed tpoġġi lill-persuni oħra f'riskju ta' infezzjoni.**

**GĦALIEX TIXTIEQ TAGĦTI D-DEMM?** *(Din tiġi diskussa mal-professjonist fil-kura tas-saħħa)*

| | **STORJA PERSONALI** | **IVA** | **LE** |
|---|---|---|---|
| **1** | Tħossok f'saħħtek fil-preżent? | ☐ | ☐ |
| **2** | Bħalissa, matul din l-aħħar sena, jew mill-aħħar donazzjoni, irċevejt xi trattament mingħand tabib, dentist, infermier jew xi professjonist tas-saħħa ieħor? | ☐ | ☐ |
| **3** | Qed tieħu mediċini bħalissa, anke jekk ma kitibhomlokx it-tabib? Qatt ħadt mediċini għall-: acne, psoriasis, infertilità, jew biex tissostitwoxxi Growth Hormone? Qatt użajt medicina għall-prevenzjoni tal-HIV (PrEP/PEP, *'pre/post-exposure prophylaxis'* għal HIV)? | ☐ | ☐ |
| **4** | Dawn l-aħħar ġimgħatejn, kellek: riħ, allerġiji, deni, hay fever, jew ażma? Kellek bżonn tuża inhalers dal-aħħar? | ☐ | ☐ |
| **5** | Kellek dijarea, jew inkella xi infezzjoni oħra dan l-aħħar xahar? | ☐ | ☐ |
| **6** | Qatt kellek xi mard serju? (eż: tal-qalb, kliewi, fwied, jew pulmun, mard trażmess sesswalment, mard fid-demm, mard infettiv jew li jintiret, deni li l-kawża tiegħu mhux magħrufa, suffejra, aċċessjoni jew kanċer)? Għandek id-dijabete u qiegħed fuq l-insulina? Qatt kellek il-malarja? | ☐ | ☐ |
| **7** | Ġieli kellek xi uġigħ f'sidrek, qtugħ ta' nifs jew ħass ħażinijiet, jew kellek problemi waqt jew wara li tajt id-demm jew kampjuni tad-demm? | ☐ | ☐ |
| **8** | Qatt kellek bżonn tagħmel xi strument, operazzjoni, jew xi proċedura oħra fl-isptar? Kellek xi operazzjoni, jew proċedura oħra, fir-Renju Unit mill-1 ta' Jannar 1980? *(RU jinkludi l-Ingilterra, l-Irlanda ta' fuq, l-iSkozja, Wales, iċ-Channel Islands u l-Isle of Man.)* | ☐ | ☐ |
| **9** | Qatt kellek trapjant ta' organi, tessuti jew kornea? | ☐ | ☐ |
| **10** | Qatt f'ħajtek, jew mill-aħħar donazzjoni, irċevejt demm f'Malta? Qatt irċevejt demm barra minn Malta? Qatt irċevejt prodotti tal-plażma jew prodotti oħra tad-demm? | ☐ | ☐ |
| **11** | *(Għan-nisa biss)* Hemm ċans li inti tqila? Kont tqila dawn l-aħħar sitt xhur jew minn wara l-aħħar donazzjoni? | ☐ | ☐ |
| **12** | Twelidt barra mill-Gżejjer Maltin? Qatt għext barra minn Malta? | ☐ | ☐ |
| **13** | Ħadt xi tilqim matul din l-aħħar sena? | ☐ | ☐ |
| **14** | a) Ommok, jew omm ommok, twieldu l-Messiku, l-Amerika tan-Nofs jew l-Amerika t'Isfel? | ☐ | ☐ |
| | b) Għandek dixxendenza Afrikana? | ☐ | ☐ |
| | c) Qatt ġejt mgħarraf illi għandek *sickle cell trait* (HbAS?) | ☐ | ☐ |
| **15** | Kellek kuntatt mill-qrib ma' persuna b'mard infettiv matul din l-aħħar sena? | ☐ | ☐ |
| **16** | Qatt ġejt mgħarraf li xi ħadd mill-qraba tiegħek kellu *Creutzfeldt-Jakob Disease (CJD)*? | ☐ | ☐ |

| | **STIL TA' ĦAJJA** | **IVA** | **LE** |
|---|---|---|---|
| **1** | Matul dawn l-aħħar 4 xhur, kellek acupuncture, body piercing, tattoos jew trattament kożmetiku li jinvolvi l-użu tal-labar, jew kellek xi needle-stick injury, terapija alternattiva invażiva (eż wet cupping) jew gidmek xi ħadd jew kellek blood splash f'għajnejk/ħalqek? | ☐ | ☐ |
| **2** | Qatt użajt drogi (inklużi dawk li jintużaw għal *chemsex*)? Inti dipendenti fuq l-alkoħol jew għandek il-vizzju tad-droga? Qatt injettajt jew ġejt injettat b'xi drogi (eż eroina, body-building drugs)? Qatt ħadt kokaina jew xi droga oħra mill-imnieħer? | ☐ | ☐ |
| **3** | a) Matul dawn l-aħħar 4 xhur: | ☐ | ☐ |
| | i. Kellek sieħeb/sieħba sesswali ġdid/a? | ☐ | ☐ |
| | ii. Kellek iktar minn sieħeb/sieħba sesswali wieħed/waħda? | ☐ | ☐ |
| | iii. Qatt xtrajt is-servizz ta' ħaddiem/a tas-sess jew inti kont involut/a f'xogħol sesswali? | ☐ | ☐ |
| | iv. Kellek kuntatt sesswali ma' persuni li kienu sesswalment attivi f'partijiet tad-dinja fejn l-HIV hija komuni ħafna? | ☐ | ☐ |
| | b) Kellek kuntatt sesswali ma xi ħadd li, dawn l-ahhar 4 xhur, jaqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji? | | |
| | i. Kellu/kellha kuntatt sesswali ma' persuna oħra | ☐ | ☐ |
| | ii. Kellu/kellha infezzjoni trażmessa sesswalment bħal HIV, Epatite B jew Epatite C, Syphilis jew HTLV | ☐ | ☐ |
| | iii. Xtara/xtrat servizz ta' ħaddiem/a tas-sess jew kien/kienet involut/a f'xogħol sesswali | ☐ | ☐ |
| | iv. Kellu/kellha attività sesswali f'partijiet tad-dinja fejn l-HIV hija komuni ħafna | ☐ | ☐ |
| | c) Is-sieħeb/a sesswali tiegħek qatt għamel/et użu ta' drogi injettati? | ☐ | ☐ |
| **4** | a) Sifirt xi mkien f'dawn l-aħħar 12-il xahar jew minn l-aħħar donazzjoni? | ☐ | ☐ |
| | b) Se ssiefer illum jew sejjer/sejra fuq vjaġġ twil fit-3 ijiem li ġejjin? | ☐ | ☐ |
| | c) Is-sieħeb/a tiegħek kien/et riċentement imsiefer/a f'pajjiż fejn hemm il-virus taż-Zika, u kien/et infettat/a biż-Zika f'dawn l-aħħar 3 xhur? | ☐ | ☐ |
| **5** | Għandek xogħol jew passatemp ta' periklu (eż taħdem fuq slielem/ scaffolding, issuq trakkijiet jew karozzi tal-linja, tħaddem krejnijiet, ittajjar ajruplan, togħdos, jew tipprattika sky-diving)? | ☐ | ☐ |

**Grazzi talli għażilt li tipprova tagħti d-demm illum. L-informazzjoni kollha li tagħti waqt li twieġeb dawn il-mistoqsijiet hija strettament kunfidenzjali u xejn minnha mhu se jiġi żvelat lil ħadd mingħajr il-permess tiegħek.**